Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,536, 11 ta' Diċembru, 2020
Taqsima A

MALTA

ATT Nru LVIII tal-2020

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

ACT No. LVIII of 2020

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Employment and Industrial Relations Act, Cap. 452.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

11 ta' Diċembru, 2020

ATT Nru LVIII tal-2020

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 452.

Emenda tal-artikolu 2 tal-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Att prinċipali, fil-paragrafu li jinsab wara l-paragrafu (ċ) tat-tifsira "tkeċċija inġusta", il-kliem "skont l-artikolu 36(3);" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont l-artikolu 36(3), jew" u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) it-terminazzjoni mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss:

Iżda l-iskadenza tad-data tat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss ma għandux jitqies bħala temm ta' kuntratt ta' servizz għal terminu ta' żmien fiss;".

Emenda tal-artikolu 36 tal-Att prinċipali.

3. L-artikolu 36 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (11) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(11) Prinċipal li jittermina kuntratt ta' impjieg ta' impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.";

(b) is-subartikolu (14) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu u l-impjegat b'kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif provdut fis-subartikolu (10) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, impjegat jista' jabbanduna kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt u l-prinċipal jista' jittermina kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat fil-kuntratt kif provdut fis-subartikoli (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni valida u ġusta għal din it-tkeċċija jew abbandun."; u

(ċ) fis-subartikolu (14) tiegħu, il-kliem "Iżda prinċipal ma jistax iġib" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda wkoll prinċipal ma jistax iġib".

Emenda tal-artikolu 75 tal-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 75 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (ċ); u

(b) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kelma "u" għandha tiġi mħassra u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu

Verżjoni Elettronika

jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u".

Riżervi. Att Nru LVIII tal-2020.

5. (1) Id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2020 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandhom japplikaw għal kull proċedura li għandha x'taqsam mat-terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss li huma pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) u t-Tribunal Industrijali u liema każi kienu għadhom pendenti meta jidħol fis-seħħ dan l-Att u li ma sarux *res judicata*.

(2) Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri), minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jibqgħu kompetenti li jittrattaw dawk il-każijiet ta' terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss illi kienu qegħdin jinstemgħu quddiemhom qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att inklużi dawk li ġew trasferiti għall-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) mit-Tribunal Industrijali qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġuriżdizzjoni Superjuri) għandhom jibqgħu jieħdu konjizzjoni tat-tali każijiet sakemm dawn jiġu deċiżi definittivament minn dik il-qorti.

(3) It-Tribunal Industrijali, minkejja kull talba li għandha x'taqsam dwar nuqqas ta' ġuriżdizzjoni mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jkun kompetenti li jittratta dawk il-każijiet ta' terminazzjoni inġusta ta' kuntratti ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 408 tas-7 ta' Diċembru, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati